MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

Laqgħa Numru KLR 23/IX/2026

L-Erbgħa, 26 t'Awwissu, 2026 fid-09:00

Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali

Preżenti:
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

Skużati:
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

23.1 Talba

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

23.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija

23.2.1 Inqraw l-ittri t'apoloġija tal-membri skużati.

23.3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 22 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

23.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

23.3.3 Il-minuti ġew approvati.

23.4.1 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

23.4.1 ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar rigward *public recreational area* ġdida fuq art tal-Gvern Ċentrali faċċata tal-Knisja tal-Kapuċċini fi Triq Parti Ġiaċintu Camenzuli. Dan bi qbil mal-Ministeru għal Għawdex u mal-Patrijiet Kapuċċini;

23.4.2 fi Triq San Duminku ser isiru l-bankini ġodda minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex. Dan wara li jitlesta l-*culvert* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma u jingħata t-tarmak;

23.4.3 li l-arblu għas-CCTV li sar biswit il-Villa Rundle ma kellux isir fil-post li sar, qrib il-monument ta' Wistin Camilleri. Fil-pjanta oriġinali kellu jsir iktar il-fuq. Il-Kunsill ser jirreloka dan l-arblu.

23.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

23.5.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward:-

i) SPI/SCI/07/2026 – Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2027. Il-membri qablu li tiġi sottomessa din l-applikazzjoni u ssir attivita' folkloristika fi Pjazza Indipendenza bil-parteċipazzjoni tal-Ogygia Folk Group;

ii) SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet aktar Nodfa. Dan il-finanzjament ġie approvat u l-attivita' ser issir nhar is-Sibt, 26 ta' Settembru, 2026 bil-parteċipazzjoni tal-Victoria Scout Group;

iii) programm ġdid fuq TVM – LOKALITA'għna;

23.5.2 il-Ministeru għall-Arti, Kultura u Wirt Nazzjoniali dwar il-*European Call 2026 – partner searches;*

23.5.3 il-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir rigward is-*Sustainable Development Action Awards*;

23.5.4 Reġjun Għawdex rigward:-

i) l-estenzjoni tal-iskema tar-rimbors ta' €2,500 biex ikopru mill-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart matul is-Sajf 2026;

ii) il-proġett Għawdex Tikka Tikka – Kull Tikka Storja, Kull Storja Aħna, proġett li jsir bil-kollaborazzjni ta' Reġjun Għawdex u s-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesu'. Il-membri qablu li l-Kunsill jerġa jipparteċipa għas-sena skolastika li jmiss;

iii) il-*European Capitals of Small Retail* (EcoSR) 2027;

vi) ko-ordinazzjoni ta' Laqgħa ma' Dar Malta waqt il-*European Week of Regions and Cities* 2026;

23.5.5 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward:-

i) Cir AKL 2026/052 – *Well Being Project*;

ii) Cir AKL 2026/060 EkoSkola – *Green Flag Award Ceremony towards 2050: Our Ideas. Our Commitment. Our Actions;*

iii) Cir AKL 2026/061 OPSA *(Older Persons Standards Authority) Session*;

23.5.6 Sports Malta rigward inizjattiva għall-Kunsilli Lokali dwar il-*European Week of Sport* 2026;

23.5.7 il-*Malta Wheelchair Basketball Association* dwar l-MWBA SkolaSajf t-shirt competition;

233.5.8 il-Pulizija rigward rapport li sar fuq tiċpis ta' tibjid fi Triq San Ġorġ u anke' makkinarju li kien fit-triq bla permess. Dan tneħħa wara l-intervent tal-Pulizija;

23.5.9 is-Soċjeta' Filarmonika Leone fejn talbu li waqt il-marċ ta' filgħodu nhar Santa Marija ma jitħallewx jiftħu *roof top bars* fi Pjazza San Ġorġ. Il-Kunsill kien bagħat l-avviż kif jagħmel għal kull okkażjoni li jkun hemm fi Pjazza San Ġorġ;

23.5.10 Il-Ħaġar Museum u Fondazzjoni Belt Victoria, fejn, relatata mal-korrispondenza preċedenti, il-Kunsill ġie mgħarraf li għal din is-sena diġa kien ippjanat li r-*rooftop bar* ma kienx ser jiftaħ nhar Santa Marija filgħodu. Permezz ta' din il-korrispondenza il-Kunsill ġie mgħarraf li wara 13-il sena tal-operat, qatt ma kien hemm inċidenti li jikkonċernaw is-saħħa u s-siġurta waqt il-festa ta' Santa Marija, li ma ġiex provdut dettalji rigward ta' kif l-istabbiliment jista' jikkawża theddida lill-attivita' li tkun issir fil-livell tat-triq u li qed iżommu d-dritt li jużaw il-liċenzja u l-permess tal-użu tal-bini waqt il-ħin stipulat fil-permess. Il-membri qablu li din l-entita' għandha tiġi mgħarrfa li l-Kunsill mhuwiex l-Awtorita' li tirregola l-egħluq ta' stabbilimenti u li din il-kwistjoni trid tkun riżolta mal-entita' kompetenti;

23.5.11 is-sid ta' 94, Triq Palma kantuniera ma' Triq Agius de Soldanis fejn talab li ssir bankina quddiem bieb ġdid li nfetaħ f'din il-binja li qed tiġi rranġata. Intalab ukoll it-tneħħija tal-parkeġġ li hemm quddiem il-bieb prinċipali fi Triq Palma. Il-membri qablu li tintalab kopja tal-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar fejn turi d-dettalji u t-tibdiliet li sar fit-tranġar ta' din il-binja;

23.5.12 resident ta' Triq Palma li bgħat ittra reġistrata in konnesjoni mal-korrispondenzza preċedenti. Qed jgħid li f'din il-binja sar żvilupp differenti minn PA/06630/19. Hu kien ġibed l-attenzjoni tal-PA u s-sid applika għall-permess ġdid PA/0649/25. Dan ta' l-aħħar għadu ma ġiex approvat. Għalhekk il-Kunsill ser jitlob kopja tal-permessi tal-PA;

23.5.13 resident li talab sabiex jitnaddaf il-*culvert* ta' Triq Mons. Ġużeppi Farrugia. Il-Kunsill ser inaddaf il-*culverts* ta' Triq Palma u Triq l-Assunta u ser jitlob lit-Taqsima tal-Indafa Pubblika sabiex isir it-tindif fil-widien;

23.5.14 resident li lmenta rigward ħmieg fi Triq Neolitiċi u pparkjar illegali fil-kantuniera. Il-Kunsill ħa ħsieb dawn l-ilmenti;

23.5.15 Supreme Travel fejn il-Kunsill ġie mgħarraf bis-servizz li joffru bl-użu ta' *buses* antiki;

23.5.16 resident fi Triq Karita', fejn bagħat kopja tal-ilment li għamel lill-*Environmental Health Directorate* rigward il-murtali tal-festi;

23.5.17 residenta minn Triq il-Kunsill Ċiviku fejn irringrazjat lill-Kunsill li rranġa l-bankina ta' quddiem il-propjeta' tagħha. Talbet li jsiru *bollards* mal-bankina. Billi t-tpoġġija ta' *bollards* mal-bankini hi kontra l-*policy* ta' Transport Malta, l-Kunsill Lokali ma jkunx f'pożizzjoni li jpoġġi tali *bollards* mal-bankina;

23.5.18 resident li ssuġġerixxa li l-isem taċ-ċeramika ta' Triq l-Arċisqof Pietru Pace jiġi relokat peress li ma jidhirx, għax qiegħed taħt it-tinda tal-ħanut Toy Metro. Il-membri qablu li tiġi relokata. Issuġġerixxa wkoll li jitpoġġa *litter bin* u *dog litter bin* fi Triq Santa Martha. Il-membri qablu li jitpoġġew dawn il-*bins* dment li jinstab post addatat għalihom.

23.5.19 Tressaq ir-rapport lill-pulizija ta'persuna li rrappurtat ħsara fit-*tyre* tal-karozza li ġie kkawżat minn pjanċa tal-ħadid fi Triq Ġorġ Pisani. Qed jitlob kumpens tal-ispejjeż. Din il-pjanċa tħalliet waqt ix-xogħol li sar mill-Ministeru għal Għawdex f'din it-triq. Il-membri qablu li d-dettalji għandhom jintbagħtu lid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex l-ispejjeż jiġu koperti minn naħa tagħhom.

23.6 Immaniġjar tat-Traffiku

23.6.1 Transport Malta (TM) approvat parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 147, Triq it-Tabib Anton Tabone.

23.6.2 TM approvat parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti quddiem 22, Triq Sant'Indrija.

23.6.3 Wara li tressqet talba biex issir *un/laoding bay* quddiem ir-ristorant 'Victoria' fi Triq l-Ewropa, TM qalet li l-parkeġġi ta' Triq l-Ewropa ser jiġu trasferiti għan-naħa l-oħra tat-triq sabiex jiżdied il-parkeġġ u tiżdied il-viżibilita' minn Triq Viani fil-*junction* ta' Triq Ġorġ Pisani. Il-Kunsill jibqa' tal-fehma li f'din l-*area* s-soluzzjoni għandha tkun l-introduzzjoni ta' *traffic lights* li jikkontrollaw il-mgħodija tat-traffiku u b'hekk jiġi evitat li jsiru toroq *one way*.

23.6.4 Il-Pulizija nfurmat lill-Kunsill Lokali li tneħħiet il-vettura li kienet abbandunata bl-iskart ġo fiha, fi Triq il-31 ta' Marzu .

23.6.5 Fuq suġġeriment ta' resident, ġie mitlub lill-TM sabiex issir *stop sign* fi Triq Ġorġ Tabone kantuniera ma' Triq Wied Seqer.

23.6.5 Tressqet korrispondenza ta' resident fi Triq Għajn Qatet, fejn ressaq diversi suġġerimenti sabiex tinbidel is-*central strip* ta' din it-triq, li tiġi fil-parti ta' quddiem l-entratura ta'wara tal-isptar Ġenerali t'Għawdex. Dawn il-proposti għandhom jitressqu lill-TM.

23.6.6 Tressqet korrispondenza lill-TM mingħand residenta ta' Triq Fortunato Mizzi, fejn il-Kunsill Lokali hu kkupjat. Din tirrigwardja applikazzjoni ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita quddiem id-dar 'San Ġuda'. Is-sid ikkonfermat li m'għandiex garaxx mad-dar.

23.7 Belt Kapital Ewropea għall-Kultura

23.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li bagħat korrispondenza lill-Ministru għal Gvern Lokali u Xogħolijiet Pubbliċi rigward żieda fil-fond ta'Aġġustament tal-Kunsill minħabba l-applikazzjoni sabiex Victoria tkun il-Belt Kapitali Ewropea għas-sena 2031. Dan wara li l-Prim Ministru żar il-Kunsill fit-30 ta' Lulju li għadda.

23.7.2 Wara l-istedina tas-Sindku ta' Las Palmas, l-membri qablu li delegazzjoni tal-Kunsill iżżur Las Palmas, Gran Canaria fi Spanja bejn it-3 u t-8 ta' Settembru, 2026. Las Palmas hi applikanta wkoll għall-ECOC 2031. Is-Sindku u l-membri Schembri u Debrincat ser jiffurmaw din id-delegazzjoni. Intgħażlu dawn il-membri wara li ttellgħet il-polza bejn il-membri preżenti u nteressati li jattendu.

23.8 Riġenerazzjoni – Ġnien Qasam San Ġorġ

23.8.1 Ġie sottomess id-Development Notice mal-Awtorita' tal-Ippjanar – DN 00926/26 u sadanittant intalbu aktar dokumenti.

23.8.2 L-ERA rrispondiet li mhix kontra l-iżvilupp u rrakkomandat li s-siġar u l-veġetazzjoni eżistenti jiġu amalgamati mal-iżvilupp.

22.9 *Playing Field*

22.9.1 Il-Perit tal-Kunsill ħejja l-*Programme of Works* għar-riġenerazzjoni tal-*playing field*. Dan intbagħat lill-persuni nkarigati mix-xogħol u l-finanzjament tal-proġett fil-Ministeru għal Għawdex.

23.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti

23.10.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar t'Awwissu 2026, skont dokument A anness.

23.10.2 Tressaq iċ-ċertifikat tal-Perit rigward ix-xogħol ta' restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl ta' mal-faċċata tal-Knisja tal-Kapuċċini u tan-niċċa tal-Kunċizzjoni li hemm fuq iz-zuntier. Il-membri qablu li jsir il-pagament. Dan hu proġett finanzjat mill-iskema - Xogħolijiet ta' Restawr u Proposti ta' Proġetti għal Sqaqien lill-Kunsilli Lokali - tal-Ministeru għal Għawdex.

23.11 Xogħolijiet oħra

Il-membri qablu li:-

23.11.1 jitranġa sqaq numru 2 fi Triq Santa Marija. Għal dan ix-xogħol għandu jintuża l-kuntratt tal-*handyman* u l-granit li kien inqala minn Pjazza San Ġorġ fis-seba' Kunsill;

23.11.2 jintalab lit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex tressaq toqba tal-antarjoli li tinsab ma' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' fi Triq taħt Putrijal;

23.11.3 jintalab lill-Ministeru għal Għawdex sabiex issir bankina ġdida quddiem binja ġdida fi Triq Sagħtar u rampa quddiem 'Black Hawk' fi Triq Ġorġ Psiani;

23.12 **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f'nofsinhar u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tlieta, 29 ta' Settembru, 2026.

Brian Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv